**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 12/2015**

**Illum: 23 ta' Settembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Rita Zammit**
**(ID 0486157(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Rita Zammit ta' 57 sena, bint il-mejjet Carmel u l-mejta Maria Dolores nee` Giordimaina, imwielda Haz-Zebbug nhar l-20 ta' Lulju 1957 u toqghod Boat House, No. 7, Triq tax-Xtut, San Pawl il-Bahar, detentrici tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 0486157(M);

Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, nhar l-14 ta' Jannar 2015:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi

(GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenza jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenza li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenza jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenza li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmannifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta'

Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

4. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmannifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

5. U aktar talli bhala persuna li m'hix impjegata fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-Awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett li jkun, li huwa pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew garret jew ippruvat iggorr xi oggett bhal dak barra mill-habs u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli qeghdet prodott medicinali fis-suq f'Malta meta ma kinitx awtorizzata mill-Awtorita` dwar il-Licenzjar u dan bi ksur tal-Artikolu 20(1) tal-Kap. 458 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tordna lill-imputata sabiex thallas lir-Registratur, l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluz dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien jew f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu

370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi l-imputata ma kellha l-ebda oggezzjoni sabiex in kwantu jirrigwarda l-hames u s-sitt imputazzjonijiet, il-kaz taghha jigi trattat b'mod sommarju;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2015, l-imputata irregistrat ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi minkejja l-ammissjoni volontarja u inkundizzjonata tal-imputata fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, mill-provi prodotti l-Qorti tqis illi ma tistax issib lill-istess imputata hatja tat-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Permezz tat-<u>tielet imputazzjoni</u>, l-imputata tinsab akkuzata bil-pussess aggravat tad-droga kokaina ossia bil-pussess tad-droga kokaina f'tali cirkustanzi li juru li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha. Sabiex l-imputata tinstab hatja tal-pussess bl-aggravanti, huwa necessarju fl-ewwel lok illi l-Prosekuzzjoni turi li l-imputata kellha d-droga – f'dan il-kaz id-droga kokaina - fil-pussess taghha. Ghalkemm jirrizulta car illi l-imputata kienet fil-pussess ta' *inter alia* sustanza ossia trab abjad, qabel hija ghaddietha lil terza persuna, ossia lill-prigunier Jason Decelis, jirrizulta wkoll illi din ma kinitx droga kokaina, izda sustanza li fiha ma nstabitx droga. Fil-fatt mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Godwin Sammut[1], jirrizulta illi fit-trab ta' lewn abjad kontenut f'sittax-il qartas tal-*plastic*, ma nstabet l-ebda droga. Fix-xhieda tieghu[2], imbaghad, l-istess espert jispjega illi din is-sustanza kienet tixbah hafna r-ramel u rrizultat fin-negattiv ghal sustanzi illeciti. Ghaldaqstant, minkejja l-ammissjoni taghha anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, l-imputata ma tistax tinstab hatja tat-tielet imputazzjoni.

---

[1] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 106 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 103 *et seq* tal-process.

Il-Qorti madankollu ma tistax tasal ghall-istess konkluzjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ossia dik li permezz taghha, l-imputata qed tigi akkuzata talli forniet jew offriet li tforni d-droga kokaina. F'dan il-kaz, ghalkemm l-imputata attwalment ma forniet l-ebda kokaina lill-prigunier Jason Decelis, biss l-ewwel imputazzjoni tinkludi wkoll l-offerta ossia li hija offriet li tforni d-droga kokaina lill-istess Decelis.

L-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear mizjud]

Ghaldaqstant, bil-fatt biss illi l-imputata offriet li tipprovdi l-kokaina, indipendentement minn dak li seta' gara jew ma garax wara dan, ghal fini tal-ligi, hija traffikat id-droga kokaina. Kif inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Psaila**, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza fl-istess ismijiet tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001):

"*Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna **toffri** li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament, **persuna turi**, bil-fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11th Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "**Offering to Supply**" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "**An offer may be made by words or conduct … Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply**" (vide kazistika indikata – pg. 776).*"

Dwar l-offerta li wiehed jipprovdi d-droga u b'referenza ghal *Misuse of Drugs Act 1971 s. 4,* jinghad hekk fil-*Misuse of Drugs and Drug Trafficking Offences*[3]:

"*Although, in the ordinary way, a person is entitled to be judged on the facts as he believed them to be ... the mischief which the legislature has sought to punish is the act of making an offer to supply a controlled drug, irrespective as to whether the offer was bogus in nature, or not*.

…

*The offences ... may be committed even though the substance supplied (or offered) is not the drug that it was thought to be and was not even a controlled drug: see Haggard v Mason [1976] 1 W.L.R. 187; Goodard [1992] Crim. L.R. 588 and Mitchell (June 3, 1992, unreported).*"

F'dan il-kaz, b'ammissjoni taghha stess, l-imputata offriet li tforni d-droga kokaina lil terza persuna. La darba din l-offerta saret, tant illi fil-fatt l-imputata ghaddiet pakkett b'sustanza lill-prigunier Jason Decelis, huwa ghal kollox immaterjali li s-sustanza in kwistjoni effettivament ma kinitx droga kokaina, ghaliex ir-reat ta' traffikar tad-droga huwa komplut appena ssir l-offerta li wiehed iforni d-droga.

Permezz tal-<u>hames imputazzjoni</u>, l-imputata giet akkuzata talli dahhlet jew ippruvat iddahhal xi oggett projbit f'xi parti tal-konfini tal-habs ai termini tal-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kelma 'habs' tinsab definita fl-istess Kapitolu, fejn l-Artikolu 2 jiddisponi illi "habs" tfisser "*il-Habs ta' Kordin u tinkludi kull post jew bini iehor li hu dikjarat jew li jitqies li hu habs skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3*". L-imsemmi Artikolu 3, imbaghad, fis-subartikolu 3 jghid illi "*Prigunier jitqies li hu mizmum f'habs filwaqt li jkun qed jingarr ghal jew minn habs ghal iehor jew filwaqt li jkun qieghed taht kura jew osservazzjoni f'xi sptar.*" In oltre il-Legislazzjoni Sussidjarja 260.02 tipprovdi l-postijiet li huma habs ghall-finijiet tal-Kap. 260 u fosthom, fir-rigward tal-bini tal-Qorti, tindika "*il-lock up fl-edifizzju li fih hemm il-Qrati fil-Belt Valletta*". Huwa evidenti f'dan il-kaz illi ghalkemm l-intenzjoni tal-imputata kienet illi din id-droga tiddahhal gewwa l-habs billi tghaddiha lil prigunier, biss huwa nieqes l-element materjali tar-reat ghaliex effettivament l-imputata ghaddiet id-droga lill-istess prigunier mhux gewwa l-habs jew f'xi post li huwa kkunsidrat mil-ligi bhala habs,

[3] Fortson Rudi QC, *Misuse of Drugs and Drug Trafficking Offences*, 6th edition, Sweet & Maxwell, (2011).

izda gewwa Awla tal-Qorti. Ghaldaqstant, minkejja l-ammissjoni tal-imputata anke ghal din l-imputazzjoni, il-Qorti m'hijiex qed issibha hatja f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, l-imputata gie akkuzata wkoll talli qeghdet prodott medicinali fis-suq f'Malta meta ma kinitx awtorizzata li taghmel dan mill-Awtorita` dwar il-Licenzjar u dan ai termini tal-Artikolu 20(1) tal-Kap. 458 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-imputazzjoni giet addebitata lill-imputata b'referenza ghad-disgha u disghin pillola li nstabu fil-pussess tal-prigunier Jason Decelis u mill-fatti tal-kaz jirrizulta car illi din l-imputazzjoni hija bbazata fuq il-fatt illi l-imputata ghaddiet dawn il-pilloli lill-istess Decelis. Minkejja l-ammissjoni tal-imputata, ma jirrizultax illi hija poggiet xi prodott medicinali fis-suq. Fil-fehma tal-Qorti, mill-fatt li wiehed jghaddi numru ta' pilloli lil terza persuna, anke jekk dan jikkostitwixxi ksur ta' ligi ohra, ma jfissirx illi b'daqshekk huwa jkun qed iqieghed xi prodott medicinali fis-suq f'Malta. Ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex qed issib lill-imputata hatja ta' din l-imputazzjoni.

## Kunsiderazzjonijiet dwar Piena

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta. Qieset ukoll il-*Pre-Sentencing Report* li sar mill-Ufficjal tal-*Probation* fil-konfront tal-imputata[4] u x-xhieda tal-istess Ufficjal tal-*Probation*.[5] Ikkunsidrat ukoll illi l-kooperazzjoni tal-imputata matul l-invesigazzjoni kienet wahda limitata u dan wara li li nqabdet tghaddi pakkett lil Decelis, tista' tghid, *in flagrante*.

Ikkunsidrat ukoll illi l-piz tat-trab kontenenti d-droga eroina li l-imputata ghaddiet lil Jason Decelis fil-jum in kwistjoni kien ta' 4.88 grammi – piz li m'huwiex wiehed negligibbli jew insinjifikanti – u li l-purita` tal-istess ghad-droga eroina kienet ta' cirka 22%. Qieset ukoll illi dan it-trab kien maqsum f'seba' boroz tal-*plastic*. Ikkunsidrat ukoll illi din id-droga giet mghoddija mill-imputata lil prigunier gewwa Awla tal-Qorti – cirkostanzi dawn li certament jirrendu r-reati li taghhom l-imputata qed tinstab hatja ferm izjed serji u li ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ghandhom jigu riflessi fil-piena. Il-Qorti tqis illi f'dawn ic-cirkostanzi, il-piena suggerita lilha mill-partijiet – ossia piena ta' tmien xhur prigunerija effettivi – m'hijiex wahda idonea u dan meta wiehed jikkunsidra li din hija l-piena minima applikabbli ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet (minimu ta' sitt xhur prigunerija fir-rigward tal-ewwel jew it-tieni imputazzjoni, li dwarhom tapplika l-istess piena u

[4] Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 183 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 177 *et seq* tal-process.

bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minimu ta' xahrejn prigunerija fir-rigward tal-ewwel jew it-tieni imputazzjoni), u dan minghajr ma wiehed iqis ic-cirkostanzi partikolari u serji ta' dan il-kaz.

Naturalment qieset ukoll illi minkejja l-offerta` tal-imputata li tforni d-droga kokaina, effettivament hija forniet sustanza ohra li ma kien fiha l-ebda droga.

Ghal fini ta' piena, ikkunsidrat ukoll ir-reat ikkontemplat fir-raba' imputazzjoni bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fit-tieni imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u applikat l-Artikoli 17(b) u (f) tal-istess Kapitolu fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b), (f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata mhux hatja tat-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u qed tilliberaha minnhom, fil-waqt illi fuq ammissjoni, qed issibha hatja tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u qed tikkundannaha ghal piena ta' **tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hatja ghamlet taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom hawn qeghda tinstab hatja - u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistghu jithallsu mill-hatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed fiz-zmien lilha preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` zewg terzi tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[6], ammontanti ghas-somma ta' mitejn u tmien Euro u sebghin centezmu (€208.70), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 36 Sergio Azzopardi, ammontanti ghas-somma ta' sitta u tletin

[6] Dan stante illi in konnessjoni mal-pilloli li gew analizzati mill-imsemmi espert, il-Qorti ma sabet l-ebda htija fl-imputata.

Euro u disgha u sittin centezmu (€36.69), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 1392 Kevin Buhagiar ammontanti ghas-somma ta' sitta u tletin Euro u seba' centezmi (€36.07) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' mija, sebgha u tletin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€137.43) b'kollox ammontanti tali spejjez ghas-somma ta' erba' mija u tmintax-il Euro u disgha u tmenin centezmu (€418.89).[7] L-istess spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sentejn mil-lum, b'dan illi jekk hija tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u s-sustanzi esebiti mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn jew investigazzjoni fil-konfront ta' terzi persuni, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

In linea mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-*Probation*, il-Qorti qeghda tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs li huwa ferm importanti li l-hatja tinghata l-ghajnuna kollha necessarja, inkluz ghajnuna psikologika sabiex issahhah il-personalita` taghha, kif ukoll ghajnuna sabiex issib residenza fejn tghix, wara li hija tilfet ir-residenza taghha b'konsegwenza ta' dan il-kaz.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[7] Stante illi l-analizi tal-espert tal-impronti digitali PS 659 Jeffrey Hughes irrizultat fin-negattiv, il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' dan l-espert.